

ECHA/NA/12/30

L-ECHA tiproteġi l-privileġġi tal-SMEs

L-ECHA bdiet tirrevoka d-deċiżjonijiet li jassenjaw numri ta' reġistrazzjoni lil reġistrazzjonijiet li aktar tard irriżultaw li ma kienux kompluti. Dawn id-deċiżjonijiet ġew sostitwiti b'ċaħdiet. Dan jikkonċerna lir-reġistranti, li b'mod żbaljat sostnew li huma intitolati għal tnaqqis fit-tariffi għall-impriżi mikro, żgħar jew medji u ma ħallsux it-tariffa tar-reġistrazzjoni xierqa minkejja n-noti ta' tfakkir ripetuti. Il-kumpaniji kkonċernati ġew informati.

Helsinki, 16 ta' Novembru 2012 – L-ECHA rrevokat għadd ta' deċiżjonijiet preċedenti, fejn hija kkonfermat il-kompletezza tar-reġistrazzjonijiet u n-numri tar-reġistrazzjoni assenjati, filwaqt li ssostitwixxiet id-deċiżjoni rrevokata b'ċaħdiet tar-reġistrazzjonijiet. Għar-reġistrazzjonijiet ikkonċernati, kien biss wara l-assenjazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni li rriżulta li r-reġistrant ma kienx ħallas it-tariffa sħiħa tar-reġistrazzjoni, biex b'hekk jonqos milli jissodisfa l-kontroll tal-kompletezza skont REACH. L-ECHA tiċħad dawn ir-reġistrazzjonijiet, bħalma hija tiċħad ir-reġistrazzjonijiet kollha, li għalihom ma tkunx tħallset it-tariffa sħiħa. Għaldaqstant, l-ECHA tiżgura t-ttrattament ġust u ugwali tar-reġistranti.

Meta jissottometti dossier ta' reġistrazzjoni, ir-reġistrant jiddikjara d-daqs tiegħu huwa stess. Jekk huwa jaqa' taħt waħda mill-kategoriji ta' impriżi mikro, żgħar jew medji (SMEs), huwa jibbenifika minn tariffi tar-reġistrazzjoni mnaqqsa. It-tariffa tar-reġistrazzjoni mnaqqsa tiġi ffatturata b'mod awtomatiku, sabiex b'hekk jiġi żgurat proċess ta' reġistrazzjoni mgħaġġel. Sussegwentement, l-ECHA tagħmel verifika tad-daqs iddikjarat b'mod personali sabiex tivverifika jekk dawn ir-reġistranti kienux intitolati għat-tnaqqis tat-tariffa li talbu.

Meta r-reġistrant ma jkunx jista' juri l-intitolament tiegħu għat-tnaqqis tat-tariffa li talab, l-ECHA titlob li jiġihallas il-bilanċ tat-tariffi applikabbli għad-daqs korrett.

Meta r-reġistrant jonqos milli jħallas dan il-bilanċ sad-data tal-iskadenza, id-deċiżjoni tar-reġistrazzjoni, li kkonfermat il-kompletezza tar-reġistrazzjoni fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni personali tar-reġistrant, tiġi rrevokata u sostitwita minn ċaħda tar-reġistrazzjoni. B'hekk, l-ECHA tiproteġi l-privileġġi mogħtija lill-SMEs u tiżgura t-ttrattament ugwali tar-reġistranti kollha ta' daqs simili.

Il-kumpaniji kkonċernati ġew informati li n-numru tar-reġistrazzjoni tagħhom ma għadux validu u li ma jistgħux jibqgħu jiddependu mir-reġistrazzjoni sabiex jimmanifatturaw jew jimportaw is-sustanza kkonċernata fi kwantitajiet ta' aktar minn tunnellata waħda fis-sena. Huma jistgħu jissottomettu reġistrazzjoni ġdida fi kwalunkwe ħin jew inkella jappellaw kontra d-deċiżjoni tal-ECHA quddiem il-Bord tal-Appelli fi żmien tliet xhur minn meta jiġu nnotifikati dwar -ċaħda.

L-awtoritajiet tal-infurzar ġew informati wkoll.

Aktar tagħrif

Is-sit elettroniku tal-ECHA għall-SMEs:

<http://echa.europa.eu/web/guest/support/small-and-medium-sized-enterprises-smes>

Ir-Regolament REACH:

<http://echa.europa.eu/regulations/reach/>

Il-bord tal-appelli:

<http://echa.europa.eu/about-us/who-we-are/board-of-appeal>